# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, l'24 TA ĠUNJU, 1913. NRU. 70.


*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## MUNICIPJU.

Mela, *Municipju* jigifieri Ghakda ta Cunsilieri, maghżulin bil voti tal Poplu, biex jaħsbu ghall bżonnijet tal Pajjiż—nghidu aħna ghall'indafa, ghad-daŭl, ghall'ilma, ghat-tisŭijet tat-torok, ghall ftuħ ta torok ġodda, ghall ġraden, ghall ischejjel taż-żghar, ghaxxoghlijet, ghall morda ta cull xorta......u, biex ma ntaŭŭlux, il Municipju icun jaghmel min-nies collha li jinħtieġu ghal din it-tmexxija; fil ŭakt li il Gvern jaghmel mill'impiegati il cbar u jiġbor ir-renti tal bini tal Pajjiż.

It-taxxi u id-drittijet jiġborhom il Municipju; u cull tant xhur jati il contijet ta chemm flus daħlu u ta chemm intefku. F'pajjiżi oħra, per esempju l'Italja u Franza, fejn cull belt, ghalavolja daks raħal minn taghna, ghandha Municipju ghaliha, il Gvern jieħu xi taxxi barranin minn cull-imchien biex iżomm l'Armata, il Flotta u l'Ambaxxaturi, li ma ghandhomx x'jaksmu mal Municipji, chif ucoll biex jaghmel li spejjes tal Familja tar-Re, tal Parlament u x'naf jen: imm' aħna minn daŭn il ftietak ma ghandniex, ghax taħseb fihom l'Inghilterra; u tarġa chiecu isir Municipju haŭn, isir ŭieħed ghall Malta collha, bħalma chien drabijet oħra.

Ghal-hecc il Gvern ta Malta, li, mita tneħħilu il piżijet li ghandu jarfa il Municipju, ma jibkghalux nefka daks chemm idaħħal renti mil bini u mid-drittijet tad-Dŭana, icun irid jati somma ta flus lill Municipju fis-sena; u tan-nefka ta din is-somma il Municipju icun irid jati cont lill Gvern u lill Poplu, darba jeŭ iżjed fis-sena.

Biex natu actar ħiel ta chif jaħdmu flimchien il Gvern u il Municipju, insemmu biss il Pulizija. Per esempju, l'Italja, barra mil *Carabinieri*, li huma Pulizija-Suldati, hemm il *Qŭesturini* u il *Ghases*. Il *Qŭesturini* jaghmel minnhom il Gvern u il *Ghases* jaghmel minnhom il Municipju. Difatti, il *Ghases* ma jindaħlux ħlief fl'indafa tal belt u fil *contravenzjonijet*. Mela, nghidu aħna, jecc ŭieħed minn tas-Sûk iħalli il Posta tieghu maħmuġa, jeŭ icollu ghall bejħ xi ħut mghoddi, jeŭ isibulu xi użin ħażin, icollu x'jaksam mal *Ghases*; imma jecc jisrak xi ħaġa, jeŭ jati bl'armi, jeŭ isibulu xi flus foloz fil caxxun, jidħlu ghaliħ il *Qŭesturini* (jecc mhux ucoll il *Carabinieri*, li actar huma kieghdin ghad-*delitti il cbar*).

F'chelma ŭaħda, fejn hemm il Municipju, il Pajjiż katt ma jigi trascurat, ghax il Cunsilieri tieghu jaghmilhom il Poplu bil voti: u, mita ma jogh-ġbuħx, jeŭ ghax ma jaħsbux fil bżonnijet tieghu biż-żejjed, jeŭ ghax ma jatux cont ta flusu chif irid hu, jeŭ ghax ma jimxux dritt, iŭarrabhom mir-riġlejn f'kasir żmien.

Il Poplu jaghżel il Cunsilieri tieghu: nghidu aħna minn cull belt u minn cull raħal isir ŭieħed: u, imbaghd, il Cunsilieri minnhom infushom jaghżlu is-Sindcu, li icun il Cap tal Municipju, u l'Assessuri. Daŭn l'Assessuri icunu imkassmin hecc: min jaghmel mit-torok, min mid-daŭl, min mill'ilma, min mill'indafa: u, cull ħaġa, seŭŭa ta nefka u seŭŭa ta xoghol, tghaddi bil voti tal Cunsilieri collha.

M'hemmx bżonn nghidu li jinbtu il *partiti* benjethom ucoll: per esempju, jecc tigi biex tinfetaħ triek ġdida jeŭ biex issir x'imchien il *luce elettrica* f'lôc il gas, icun hemm il partit ta min iridhom u ta min ma iridhomx: iżda il Gvern ma jindaħal xejn: u is-sultan icun il Poplu li jonfok flusu chif irid hu, ghax min jaħdimlu ħażin jaraha mieghu fl'eŭŭel Elezzjoni li tigi.

Dan hu fuk-fuk il Municipju: u chiecu isir, ma icunx ħaġa ġdida ghalina. *Municipju* chien il *Cunsill Popolari* li chellna fi żmien il Grammastri; u *Sindcu* u *Assessuri* tal *Municipju*, ghad li b'ismijet oħra, chienu il *Ħachem* u il *Ġurati* ta li Mdina. Mita Napuljun Bonaparti ħabat ghall Malta, chien haŭn *Municipju* il Belt ucoll; u malli medd riġlejħ fl'art, l'eŭŭel żjara ghamilha lilu, fil *Banca tal Ġurati*: dac il palazz ta kuddiem il *Monti*, illum imsejjaħ il *Posta il kadima*.

Il *Cunsill Popolari*, jigifieri il *Municipju ta Malta* (ghax Ghaŭdex chellu dejjem ŭieħed ghaliħ), chien ilu jeżisti mijet ta snin: u il Maltin, malli imbloccaŭ il Franciżi mis-sŭar il-geŭŭa, raġghu ŭakkfuħ mil ġdid. Mela, l'Ingliżi, mita geŭ haŭn, imsejjħin minn'na stess biex jiggvernaŭna, sabuħ jaħdem: u la huma ŭeghduna li ma ghandhomx inakksulna id-drittijet taghna, (*) ma imisshiex tigihom tkila li jarġghu jatuhulna.

## X'ighidu ghalina fuk il Cungress.

### III.

Minn din il ħrara hecc cbira ta imħabba mixghula fi klub il pajżani, ŭieħed jista jaghraf chemm u chemm tas-seŭ ħabircu daŭc li chellhom taħt idejhom it-trigija ta ħafna xoghol tal moħħ, li huma marru ihejju ghall Cungress bla ma kaghdu jittniccru xejn.

In-nies tal Cumitat u tas-Sottu-Cumitâti, ghalchemm forsi ma chellhomx sa-barra-nett ħabta u prâtca ghal xi ħŭejjeġ, billi ħafna ftietak li ma tobsorx bihom chienu haŭn ghalihom ġodda, madancollu dejjem ureŭ ħeġġa, dehen, ghakal, curaġġ ta sûr.

U it-taħbît li huma tħâbtu ma tulec sena sħiħa, ma marx lè fir-riħ.

Mill'eŭŭel dakka ta ghajn intebaħ Monsinjur Heylen stess, dac il gharef u ħabriechi President tal Cumitat Permanenti, li hu il percimes ta cullma isîr cullimchien fil festi u fit-thejja tal Cungressi Eŭcaristici.

Mita hu giè migja sa Malta, f'Ottubru li ghadda, biex jara b'ghajnejħ u jistħarreġ x'sej' isir u ma isîrx fil Cungress, chif ucoll x'kieghdin u x'fi ħsiebhom ihejju sabiħ, dic il ħabta hu stkarr bi lsienu stess u kalilhom geŭŭa l'Oratorju ta San Ġŭann, illi il Cungress ta Malta ma icunx inkas mill'oħrajn li saru kablu s'issa, u ghal xi ħŭejjeġ, milli jidher, icun bil bosta akŭa u jiżbokhom il-coll: u żied ighid illi il Papa stess bir-ragjun sata jaħsbu minn kabel illi da'l Cungress

(*) F'NAZJU ELLUL, *grajjet ta Malta* moħrugin erba' snin ilu, hemm id-*documenti* collha ta dan li ghedna haŭn issa.

sej' icun veru trijonf lill Gesù fis-SSmu. Sagrament tal artal.

Collu żejjed nokoghdu nsemmu chif cullħadd, b'li mħatra bejniethom, ħâbrec sal aħħar mument.

Actar ma iż-żmien bida riesak, actar iżjed, iva, il ħeġġa chibret u nxtêghlet bla kies fi klub il Maltin. Min inzerta sâb ruħu Malta dic il ħabta, krib il 20 ta April, chien jintebaħ mill'eŭŭel u jibka mistaghġeb b'liema ferħ imkaddes chien jiddi ŭiċċ il Maltin, chif ucoll bil ġmiel u iż-żina li chien hemm ġo 'l belt. Cullmin jeħsel jinzerta imur Malta l'eŭŭel darba, ma jistax ma jitghaxxakx, daks chemm hi sabiħa u chemm fiha tasseŭ x'tara, dic il Gżira.

Hemmhecc ghandec issib nies minn cull pajjiż tad-dinja; tismaħħom jitħadtulec b'cull lsien; tilmaħ ħafna xorti u draŭŭiet li forsi ma tcun rajthom katt f'artijêt oħra; hemmhecc tiltaka ma bosta ħlejjak ta nies li ma jixxiebħu u ma ghandhom x'jaksmu bejniethom xejn u la fil bixla ta ŭiċċhom u inkas fil leŭn, cullmin isiefer Malta l'eŭŭel darba, dejjem isib ħafna ħŭejjeġ ġodda x'jara, u fihom biex tithenna.

Iżda f'daŭn il ġranet tal Cungress il ghaxka u il hena f'dic il Gżira chienu bla tarf. Cullħadd kalbu trid ittir bil ferħ; u cull-min jasal Malta ġdîd, chien jistghageb b'dac il ġmiel li chien hemm. Iż-żina tattorok, tad-djar, tal Cnejjes, tal Ufficini; il cotra tal frustieri iduru mal belt, jeŭ jekfghu iħarsu mistaghġbin il haŭn il hinn, il ħerka u it-tħabric imbierec ta ħafna żghażaħ filli lcoll b'kalb ŭaħda u ghalanija jatu dakka t'id u jirżistu bil ghaġla u isa, isa....collox chien juric li gejja xi ħaġa ġdida u cbiracbira ghall Malta.

Ma jaraŭx li tasal is-siegha, cullħadd isemmi il Cungress, cullħadd jitħaddet fuk il Cungress, cullħadd il Cungress jixtiek jara u igaŭdi mill'actar fîs.

Mhux biss iż-żina ta barra it-triek chienet mill'akkâl u bħalha ma raŭ katt, iżda chien hemm ucoll thejjia oħra gheżeż u icbar bil bosta.

—«L'eŭŭel thejjia kabel collox, chien irriccmandalhom il ħabriechi Arciskof ta Malta—l'eŭŭel thejjia jaħtieġ tcun dic tar-rûħ, u ghal dan il fini imkaddes tûl gimghatejn sħaħ ried illi isiru apposta il priedchi fil Cnisja tal Geżŭiti, il Belt, minn nhar il Ħadd il Ġdid sa 't-tielet Ħadd fuk il Ghid. Fil cnejjes l'oħra Culleġġjati u fil Parroċċi ikisu li jaghmlu tridu bi tliet ti jêm priedchi kabel il Cungress.»

Ix-xeŭka u ir-rieda tal Iskof giet mismugha u milkugha bil kalb minn tarf sa tarf il Gżira, ghax il priedchi cullħadd mar semaħhom b'ġabra cbira ta moħħ, u il gîd imkaddes li sâr fir-rûħ ma ifissru ħadd. Il krâr u it-tkarbîn chienu ħŭejjeġ tal ghageb ma cullimchien, u f'daŭc il ġranet ma katghu xejn.

*(Jissocta)*

(*Maklub bil Malti minn*
DUN GIUŻEPP FARRUGIA,
(*Cappillan ta li Sptar Connaught*).

## Il Beatu Lorenzinu Sossiu
MARTRI TA ĦAMES SNIN.

Ilu xi xahar, it-tfal subien ta ħ'Attard, li chienu ħarġu mil li Scola tal Gvern chienu sejjrin lejn ir-raħal, hecc chif ŭaslu fil cantuniera ta *Sant'Anton*, lemħu fit-triek imsejjħa *Skak it-tŭil*, tliet irġiel bil kieghda fl'art: it-tfal ŭakfu iħarsu lejhom, u daŭc bdeŭ isejjħulhom u jitfghu ix-xelini u it-tmintaxirbighat fl'art, b'môd illi it-tifel, malli jersak ghall flus, daŭc jistghu jakbduħ bejn idejhom. It-tfal donnu giè x'ħabbarhom, mil ħars ta ghajnejhom intebħu li chellhom xi fehma ħażina, bdeŭ ighidu lil xulxin: *Ma nerskux ghall flûs, ghax daŭc Lhud, iridu jakbdu xi tifel minn'na*; u ma resak ħadd minnhom ghall flus. Daŭc ir-rgiel mita raŭ li it-tfal ma reskux lejhom, kalbhom maktugha ghal-collox, telku l'isfel, fejn chien hemm caruzzin bil pòrtieri imgerrijin, daħlu fiħ u ħarbu minn hemm bil-giri.

Uħud mit-tfal intakghu mieghi fit-triek, collha mbeżżghin; u kaluli bil praspura collha, dejjem iżommu jebes li daŭc irgiel chienu Lhud u riedu jakbdu xi tifel minnhom biex jeħdulu demmu. Jena faħħarthom ghall'imgiba taħħom u ghedtilhom li dejjem ghandhom igibu ruħhom hecc, ma jeghmeŭx ŭara il flûs, biex jeħelsu minn xi disgrazzja tar-ruħ u tal gisem, u jista icun li daŭc ittliet irgiel chienu Lhud. Hecc chit ghedt daŭn il chelmiet, it-tfal telku bil-giri lejn iddar taħħom, u resak fuki ŭieħed ragel, jena ma nafux, biċċa ta ġgant, bix-xeħta ta ragel seŭŭa, b'daŭc il ghajnejn ta bniedem li ma jurix ħaġa b'oħra, kalli b'leħen sabiħ u ħelu:— Xi tghid int, minn dac li ħasbu it-tfal? Jista icun li daŭc irgiel chienu Lhud u riedu jakbdu xi ŭieħed minnhom biex joktluħ? Jena ma nimliex rasi b'daŭn il bżieżak.—Jen ghedtlu: Ma nafx: imma ghandna fattijet li jipprovaŭ il chefrija tal Lhud lejn l'insara, imħabba fiċ-Cerimoni iccmandati mit-*Talmud*. (Talmud hu ctieb li fiħ jinsabu id-Dritt Civil u Religjus tal Lhud u ir-Regulamenti taċ-Cerimoni tar-Religjon taħħom, il Precetti li ghandhom josservaŭ u il Massmi il cbar collha. Maksum f'żeŭġ parti: il *Miscna*, li fiha it-Test; u il *Gemara*, li hi it-tifsir tieghu.) Ŭaħda mil provi ta dan hi il meŭt moghtija lill Beatu Lorenzinu Sossju, mid-Djocesi ta Vincenza u Padova, ivvenerat bħala Martiri tal chefrija tal Lhud. Jena mhux biex innissel mibeghda ghall Lhud, iżda biex nuri chif ulied Abram tbeghdu ghal collox mil Patriarchi kaddisin u chif ma faddlilhomx ħag'oħra ħlief li jinxteħtu fil ħdan tal fidi cattolica, imħaŭŭla u imsokkija bid-demm tal Messija, li giè haŭn fid-dinja biex isalva il bniedmin, sejjer nghid dana il fatt.

Il Beatu Lorenzinu Sossju, martri ta ħames snin, tŭieled fis-sena 1480 f'Valtrovina, villaġġ taħt Marostica, fid-distrett ta Vicenza (l'Italja). Jinghad li, mita chien ghadu tarbija, salva l'ommu mil killa ta missieru. Dan chellu iħalli il pajjiżu il pitghada li tejjeġ: mita, imbaghd, raġa mar dâru, ŭaħħal f'rasu li martu ma chienetx fidila lejħ u ittradietu: kabad stallett f'idejħ u chien sejjer joktolha. Iżda Lorenzinu, b'miraclu, ħall ilsienu, tchellem u ghajjat b'herra cbira:—Żomm idejc, missier: ommi innucenti u jena ibnec.—Il missier, mita sama daŭc il chelmiet minn tarbija, żamm idejħ u neħħa malajr il ħsieb ħażin li ghadda minn rasu, u ghâx fil qŭiet u il paci ma martu.

Mita Lorenzinu ghalak ħames snin, fil gimgha il cbira tas-sena 1485, fil ŭakt li chien jilghab ŭaħdu fir-raba, boghod min ommu, giè makbud minn Lhud li chienu ghaddejjin minn hemm. Daŭn dehrilhom li jatu kima ŭisk cbira ll'Alla jecc jirnexxilhom joktlu xi nisrani f'dic il ġurnata. Kabdu il Lorenzinu, rabtuħ ma siġra, taŭħ is-sŭat u katluħ; imbaghd, ħbeŭ il gisem innucenti tieghu taħt borġ gebel. Il cadavru tieghu insab, ŭara tiftixa; u giè midfun f'Cimiterju fil krib minn Bassano. Iżda Alla l'imbierec, biex jati gloria lit-tfajjel innucenti u kaddis martri, daŭŭar b'djia tas-sema il kabar tieghu. Kamet imbaghd qŭistjoni bejn il Bassanesi u il Marosticani fuk min minnhom chellu il jedd jeħu il cadavru tal martri, keghduħ fuk carru miġbud minn żeŭġ ghoġliet. Daŭna, minghajr ħadd ma mexxihom, ħaduħ Marostica. Il beatu Lorenzinu ħaduħ fil Cnisja fuk l'artal ta San Bastjan, ghand il Patrijet ta Gieżu, fejn Alla l'imbierec xerred bosta grazzj fuk dac il poplu devot, bit-talb tal beatu innucenti Lorenzinu.

Issa, ŭara secoli, daŭc il Patrijet chellhom iħallu il Cnisja u il ghadam tal Martri giè meħud il Cnisja ta Santa Marija, Protettura tal pajjiż; u illum jinsab fuk l'artal ta San Gaetanu. Il Papa Beneditt Erbatax tà li tista tintradd il kima lit-tfajjel beatu martri Lorenzinu; Piju Disgha, fil ħamsa ta settembru tas-sena 1867, ŭettak is-sensja ta dic il kima: u fis-sena 1878, ghadda il Kuddiesa u l'Uffizzju tieghu, li ghandhom isiru fit-tieni ħadd ŭara il Ghid mil cleru' ta Vicenza u ta Padova.

DUN PIER BATTISTA AGIUS,
*Cappillan ta ħ'Attard.*

## Ma dûar il Gżira.

Pitghada—il ħamis—sejjra issir Partita-Biljard fl' *Unjoni Cattolica* li tas-seŭ icun fiha x'târa: tcun bejn ix-*xirca tal laghaba* (*team*, la ingliża) tar-*Royal Warwickshire* u dic ta li stess *Unjoni Cattolica*: u icun jista jidħol min irid. Il partita tcun ta 150 pont bejn cull żeŭġ: u il laghaba icunu daŭn:—

| tar-*Royal Warwickshire* | tal *Unjoni Cattolica* |
|---|---|
| Mr. Pearce | is-Sur G. Sciberras |
| ,, Hunt | ,, A. Galea |
| ,, Bennan | ,, P. Muscat |
| ,, Rudd | ,, A. Muscat |
| ,, Davis | ,, G. Curmi |
| ,, Chowns | ,, B. Saliba |

Ix-xirca tal *Warwickshire* ghamlet bosta partiti u katt ma rebħilha ħadd, ghajr darba ta *La Vallette*: u, imħabba f'hecc, naħsbu li jitkanklu ħafna nies biex jaraŭ din il partita taħħa max-xirca tal *Unjoni Cattolica*.

—Inkasna, minghajr ma ridna, lir-Reverendu Patri Piju, tal Carmlitani ta Santa Tereża, ghax, ma nafux chif, intilfet kalb il carti l'oħra tal *Habib* l'aħbar li baghtilna, ilu xi ħmistax il ġurnata, fuk il Kari bil Malti li sejjer jibda joħroġ, darbtejn fixxahar, bl'isem sabiħ tal *Bambin ta Praga*. Dan il Kari ma icunx jisŭa ħlief sitt ħabbiet cull faxxiclu ta tmin faċċati jeŭ xelin bilkuddiem ghal sena sħiħa. B'xejn. Nirriccmandaŭħ bil kalb collha lill Karrejja taghna. Min irid jissieħeb, jista jibghat ismu ghand il Stampatur Cornelju Żerafa, Bormla, *Strada Santa Teresa*, numru 80; jeŭ ghand ir-Reverendu Direttur, fil Cunvent ta *Santa Tereża*.

—Krajna (f'ittra mibghuta lis-Sur Oscar Gollcher mir-Reverendu Luca Piergiovanni, li chien haŭn ghall Cungress Eŭcaristicu mal Iskof ta Pesaru)ħaġa li ghaxxkitna.Dac is-Sacerdot, malli ŭasal pajjiżu, giè mitlub min-nies ta dic il belt (u m'hix belt taċcajt Pesaru!) li jaghmlilhom *Cunferenza* fuk dac li ra haŭn Malta; u hu stess chiteb: *Bicchejt il cull-ħadd mita fissirt il Fidi tal Maltin. U chellu icun hecc, ghax kabel cont bchejt jena.* Niżżu-ħajr lis-Sur Micallef Goggi, maħbub chittieb taghna, li chisbilna din l'ittra.

—Xi ħbieb taghna (u fosthom nies ghôljin) ħajjruna biex chiecu niġbru fi ctieb dac li kieghdin noħorġu biċċa-biċċa bl'isem ta *X'ighidu ghalina fuk il Cungress*; u, bla xejn dubju, jecc tirnexxi, tcun ħaġa sabiħa, l'eŭŭel nett ghax il fehma ta barrani tisŭa actar milli nghidu aħna fukna stess, imbaghd ghax il Patri Geżŭita Laenza hu ŭieħed mil gheref chittieba tal akŭa gażetta cattolica tad-dinja u fl'aħħar ghax ix-xoghol bil Malti tar-Reverendu Dun Giusepp Farrugia ħiereġ tajjeb nett. Icun ctieb ta fuk it-80 faċċata, bi *Storja tal Cungress* li ħadd ma ghandu ħila jicteb aħjar minnha. Naraŭ: iż-żmien jatina parir.

—Fl'14 ta dan ix-xahar, l'Imkaddes Piju Ghaxra, bl'Emininentissimu Cardinal Merry del Val ma genbu u imdaŭŭar bil Cbarat collha tal Vatican, ra fiċ-Cinematografu, li giè maħdum Ghaliħ minn ŭaħda mill'acbar Djar tad-dinja, il Cungress Eŭcaristicu ta Malta.

—Id-Direttur tal *Oratorju Sależjan* stedinna ghall festi collha li saru ilbieraħ tl'ura u fil ġranet ta kabel, geŭŭa u barra, lill *San Tarcisju*, Martri tal Imkaddsa Eŭcaristija. Niżżuħ-ħajr bil kalb collha.

—Il *Cumitat tal Emigrazzjoni*, chif jidhrilna aħna, imissu jara x'in hu dan it-tghemghim cbir li ghemgmu bosta minn daŭc li telku dan l'aħħar ghall Canada fuk vapur tal *Cumpanija franciża*. Barra mill'ittri li dehru fil gażetti bit-Taljan u bil Malti, aħna rajna oħra bl'Ingliż f'idejn is-Sinjura Carmela Abbot, li tispiċċa b'daŭn il chelmiet: *Nitolboc tghid lill ħbieb maltin collha li ma jisserveŭx bil vapuri franciżi.*

—Ghall *Festa tal Carmnu*, isiru, bħal dâri, it-Tiġrijet tas-Sliema: u din is-sena icunu tlieta, tal Ponijet (tal kies *tlittax*), tad-Dŭieb u taż-Żŭiemel. It-Tiġrijet isiru fil 15 ta lulju, nhar ta tnejn: u bis-saħħa tas-Sur Salv Żammit, li tant iħabrec u jitħabat ghalihom, din is-sena il premju tad-Dŭieb icun *tazza tal fidda*, li tisŭa ħames mit franc (*ghoxrin lira ingliżi*), moghtija mill'imfaħħra Dar tal Cunjacc *Boulestin*. Din id-Dar jidher ghaliha, haŭn Malta, is-Sur Salv Żammit: u aħna naħsbu li din l'idija sabiħa tal premju giet lilu.—Il bhejjem tat-Tiġrija jinchitbu mis-sebgha sa 'd-disgha ta lulju, ghand is-Sur Salv Żammit stess, li jokghod il-Belt, Strada Forni, numru 158.—Il *provi* jibdeŭ pitghada, mil ħamsa sa 's-sebgha ta fil ghodu: u jibkghu isiru cull nhar ta ħamis. Ir-*Risorgiment* kâl, fuk dan il premju tat-tazza tal fidda, li chemm Djar cbar ta Barra ghandhom il cummerċ ma Malta imisshom jibdeŭ jaghmlu bħad-Dar *Boulestin*; u aħna inżidu li, jecc icunu iridu tas-seŭ juruna kalbhom, mhux it-Tiġrijet biss ghandna haŭn Malta!

## Fi Scôla ta bil-lejl.

*(bejn is-Sur Mast, Kassis żaghżuħ, li jaf b'ħafna lingŭi u imsemmi fost l'actar ghorrief; u Scular, acbar xi tnax il sena minnu, li, ŭara ix-xoghol tal ġurnata, imur ghall Lezzjoni, ghax jixtiek icompli jitghallem xi ħaġa).*

—Sur Mast, nista nsaksic ħaġa li ma ghandhiex x'taksam mal *Lezzjoni* ?...

—Mhux collox taghlim! Ghidli....

—X'jigifieri *fonêtcu* ?....

—Jigifieri *takra chif titchellem.* Tissejjaħ *fonetica* dic il chitba li fiha cull ittra ghandha dejjem leħen ŭieħed....

—Dic il chitba li cull ittra taħħa fit-tghakkid ma ittri oħra ma tbiddel katt leħinha, hux tas-seŭ ?...

—Hecc hu. Fhimtni.

—Allura il *Ħabib* m'hux mictub bil *fonêtcu*, ghax iċ-*ce*, per esempju, kuddiem l'*a* taghmel *ca*, kuddiem l'*i* taghmel *ci*, kuddiem l'*o* taghmel *co—carba, cicnatur, collox*; u saħansitra iċ-*ce* u *h* maghkudin flimchien, jaghmlu *che, chi*, bħat-Taljan—*chelma, chelb, chellu*; *chira, chisra, chirxa....*

—Seŭŭa ŭisk. U hecc ucoll il *g* —ghalavolja kuddiem il consonanti l'oħra collha: *cburi, chula, clieŭi, cmieni, cnisja, crafes, csuħa, ctieb*; *gamiem, gemel, gidri, gondalla, guva—gheddum, ghideb,—gdim, glieghel, gniedes, grieżem, gżejjer....*

—Mela, min kâl li hu *fonêtcu* ...

—Hemm bżonn naghdruħ: ma jafx x'jigifieri *foneticu*....Ghandna fil Malti iċ-*ce* u il *g* bil pont fukhom, biex nictbu *ċa, ċo, ċu—ġa, ġo, ġu—ċaflisa, ċocon, ċuklajta; ġâr, ġobon, ġurdien.* Imma daŭc m'humiex ħlief sinjali tal bżonn ghal ftit cliem li ma jistax jinchiteb bħat-Taljan: u chiecu il Malti tal *Ħabib* chien *foneticu*, il chelma *ċocon* jeŭ chienet tinkara *cocon* jeŭ *ċoċon*, ghax fil *foneticu* cull ittra ghandu icollha leħen ŭieħed dejjem u ma tistax l'eŭŭel tinkara *ċo* (*ċokka, ċolkâna*) u imbaghd *co* (*cosbor, cotra*). Daħħal din f'rasec: it-taklib taċ-*ce* u tal *g*, seŭŭa kuddiem il ħames *vocali* u seŭŭa kuddiem biċċa mil *consunanti*, hu l'acbar ghelt li fiħ it-Taljan ucoll; mita il *Ħabib* jimxi fuku, bħalma rajna, hi ħmerija cbira li tghid li hu *foneticu.*

—Nifhem jen li min kâl hecc bil Malti ma jaf xejn....

—U bit-Taljan jaf ftit ucoll! Ħalli nsemmilec ghelt ieħor li ghandu it-Taljan: u ifhimni seŭŭa: il *g* u l'*elle*, maghkudin flimchien, issa jatu leħen u issa jatu ieħor: *figli, gigli, scompigli—glicerina, glifo, glittica*; u bil Malti aħna ghandna *glieghel*, plural ta *ghelgùl* (bħal *glicerina*) u *ġliegel*, plural ta *ġolġol*! Ara chemm tisŭa dic il *ġ* bil pont fukha, li bit-Taljan ma nistghux naghżlu il *gli* ta *figli* mil *gli* ta *glicerina*; u aħna naghżlu biha il *gli* ta *glielex*, plural ta *ghellux*, mil *ġli* ta *ġlieŭi*, plural ta *gilŭa*—bħalma naghżlu ucoll *fiġla* minn *digla*, minghajr ma ndaħħlu *i* żejjda f'nofshom, chif jaħtigilna naghmlu fit-Taljan biex naghżlu SIGLA minn PIGLIA!

—Imma dan m'hux *fonêtcu*, Sur Mast!

—X'*foneticu, foneticu !* Anzi, dan collu contra il *foneticu*, li ma iridx li stess ittra issa tinkara *ġa* (*ġandra*) u issa tinkara *ga* (*gandoffla*); issa tinkara *ġu* (*ġummar*) u issa tinkara *gu (gumna)*! Trid icolloc rasec tat-tafal, biex taħsibha xort'oħra!

—Bil-ħakk, tas-seŭ, Sur Mast, li cull Malti li jaf bit-Taljan *jaf jicteb* bil Malti?....

—Mela, x'in hu! Jakraħ, iva: ghax, la icun Malti, mictub tajjeb jeŭ ħażin, jifhmu: iżda, biex jictbu tajjeb, il Malti tkil ŭisk actar mit-Taljan.

—Actar mit-Taljan, Sur Mast ? ..

—Biċċa cbira ! Min jicteb ferħan u cuntent *ficciu* f'lôc *fittxu*, *ghaŭci* f'lôc *ghaŭdxi*, *ferhulom* f'lôc *ferħulhom*, *colla* f'lôc *collha*, *ghamel int* f'lôc *aghmel int*, *ftacar gheidila* flôc *iftacar ghidilha*, collox seŭŭa ! Imma daŭn żbalji mil ħoxnin nett, li bit-Taljan ma jaghmluhomx it-tfal iż-żghar.... *Żghar* ! Din il chelma kieghda tfaccarni li ŭieħed mil Ghorrief, m'ilux ŭisk, ried ighid *żahar* (ŭard tal larinġ) u chiteb *żghar* (ċchejcnin); u ieħor, minn sħabu, ried ighid *xahar* (tas-sena, mejju) u chiteb *xaghar* (tar-ras). Jecc il Malti jista jinchiteb hecc, ma ghandniex xi nghidu: cull-ħadd jaf jictbu. Imma jen ma ghandix il cunxenza nghallmec daŭn il ħmerijet: ghax inchella icolli nghallmec ucoll li ma jimpurtax jecc bit-Taljan ticteb *soglia* biex tghid *ŭeħida* u *sola* biex tghid *ghatba*; u bl'Ingliż *sun* biex tfisser *iben* u *son* biex tfisser *xemx*, ladarba, mictuba tajjeb jeŭ ħażin, il lingŭa tieghu cull-ħadd jifhimha... U issa mur, ghax sar il ħin......

—Niżżiċ-ħajr, Sur Mast, ghax ftaħtli moħħi: u inħallu ix-xini imur ghal *gembu*....

—*Genbu* ...ghax fil plural jaghmel *ġnub*! U dac li sejjer tinżel minnu ighidulu it-*taraġ*, mhux it-*taraċ*, ghax fil femminin jaghmel *tarġa*, mhux *tarċa*.... Cun imbierec.

***

## Mil Canada.

Montreal, Mejju 29, 1913.

Sur Editur nitolboc li tkieghed fil gazzetta tighac dan li ser nghid haun, jena ser nghid milli tghallimt minn ħatteħor ili tul erbgha xhur li geu hafna Emigranti minn Malta ghal Canada. U bicciet minnhom telku minn Malta bakghu f'nofs triek, conseguenza tal mart ta l'ghajnejn allura ghal dakstant hemm bżonn li uieħed jinforma il daun, li kabel isiefru jaghmlu il vista ta l'ghajnejn u tarax allura jecc it-tabib jatic icun collox seuua, jatic certificat li int taghraf biħ li tghaddi minn taħt it-tabib tal Emigrazioni mhux xi uħud telku ħasbu li sejrin Ghaudex, daż-żmien l'affarijet tal Emigrazioni keghdin jaħdmu strett, dan li ghidt haun biex iservi eżempju ghal dauc li icunu ser isiefru biex ma itilkux addoċċ u jinżammu f'nofs triek bħal ma inżammu x'uħud tigià, hemm bżonn li isir ligi minnħabba xi uħud li ma jimpurtahomx biex kabel jitla abbord it-tabib tal gvern jinvista ghajnejn biex dac li icun mux jaħseb li collox seuua imbghad jinżamm u jaħli flusu minnħabba il mancament tal mart tal ghajnejn.

Informazzioni chif taghmel biex titla (Provinci) *West tal Canada* f'daun li ser insemmi (Ontario),(Mantoba),(Saskatchewan) (Aberta) (*British Columbia*) scond chif rajt jena li bosta Emigranti Maltin geu il Canada, billi ma chellomx flus biex jitilghu il West kaghdu fil East Canada u bakghu fl'istess post tal East, imma jena il parir li intihom li jitilghu il West u il Provincia ta British Columbia u l'aħjar post minn tminn Provinci l'oħra, allura biex min ma iridx iħallas il prezz niffigura mill East ghal West jistenna li icun hemm (*Excursion*) ribass, jista jitla 10 fr. minn Montreal ghal Hosteet li semmejt fuk li u jecc imur biex iħallas il passaġġ biex jitla British Columbia barra il ġranet ta (*Excursion*) irid iħallas fr. 62. 5 cent. il ġranet ta excursion generalment il cumpannijet jatu 2 cull xahar, u certi xhur darba *Excursion* jibdeu mejju, ġunju, lulju, auuissu, settembru, ottubru, *Excursion* ma nistax nati data taħħom il ghaliex scond chif jidhrila il cumpannija ittihom, jena naf illi il ferrovija il ħlas ta cull mîl hu 2 cent. cull mîl int u sojjer il West jecc tmur mill West ghall East 3 cent. cull mîl.

## FUK IN-NISA.

Chif smajt illi l'irgiel collha keghdin jemigrau keghdin jitilku mija, mija, u in-nisa jokghodu Malta jardghu il flus tar-ragel u mischin ir-ragel forsi katt ma ħalla il mara mil ġurnata li iż-żeuueġ sa din il ġurnata li chellu isiefer u ir-ragel meta siefer dejjem moħħu fuk il familja ghax collox chien iccomodat bin-nies tad-dar issa icollhu jaghmel u isip ruħhu spratticu peres li katt forsi ma ghamel xoghol tad-dar, jena chif nara jidhirli illi meta intakghu katta nies minn Raħal uieħed jeu anchi imħaltin insomma igibu mara maħħom li ma icollhiex tfal forsi icollha uieħed imma ma tric ingara bħafna tfal ghall'euuel darba sa chemm tasal fil post allura chif ir-rid infissirha illi veru dar iħalsu sehem cull uieħed l'irgiel imorru jaħdmu il ġurnata u il mara tokghot fid-dar is-sajjar ghalihom u taħslilhom ghax katt ma jista icun il ir-ragel jaħdem il ġurnata u imbghat irid isajjar u jaghmel il facendi tad-dar uara li icun gie mix-xoghol.

Haun ghaunec nies ta nazzjonijet oħra illi hecc jaghmlu chif et jiena, ma cull 18 jeu 20 jeu iżjed jeu inkas iħallu mara fid-dar tghamel il facendi tad-dar. Mhux hemm ħafna nisa Malta ma iservu ghal xejn ħlief biex jitħattu fuk in-nies li sifru u dac bghat hecc u l'ieħor bghat hecc, u jecc inthom in-nisa iggibu rispet il ghaliex ma issifrux ma nies li jiġu minchom bħal ma isiefru nisa ta Nazjonijet oħra, sissha min gie fuk l'art tal Canada ħatt ma miet bil gjuħ min ried jaħdem, dauc li ma iridux jaħdmu jistghu jipkghu fejn huma, sa fejn naf jena illi in-nisa li haun fil U.S.A. u fil Canada collha keghdin cuntenti u l'art toġġhobom chif naħseb jen illi in-nisa maltin beżghanin jibżghu isifru minħabba il baħar imma xejn ma nghaidilcom ghamlu curaġġ cbir u sifru bħal ma isifru nisa ta nazzjonijet oħra ghax sa icun caġun illi l'irgiel isifru collha u jipka in-nisa biss u il ġuventur li isiefru icollhom

